5 ta' Diċembru, 1953.

Imħallef:
Il-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Luigi Spiteri Debono *versus* Joseph Spiteri Debono et.

**Simulazzjoni — Prova — Impunjazzjoni — "Causa Simulandi".**

*Is-simulazzjoni hija forma ta' frodi; u min jallegaha għandu jġib prova konkludenti u perswasiva tas-simulazzjoni.*

*Din il-prova tista' ssir bi kwalunkwe mezz permess mil-liġi, anki per mezz ta' xhieda. Iżda dan il-prinċipju, li l-prova tas-simulazzjoni trid tkun konkludenti u perswasiva, għandu jiġi applikat b'rigur akbar meta jiġi mpunjat att publiku.*

*Fuq kollox, imbagħad, għandha tirriżulta b'mod inekwivokabili l-"causa simulandi"; b'mod li, jekk il-prova ma tirnexxix, l-impunjazzjoni taqa'.*

*Ix-xhieda ta' l-attur li jallega s-simulazzjoni għandha fiha nnfisha tiġi meħuda bl-akbar ċirkospezzjoni meta l-azzjoni tas-simulazzjoni tiġi proposta wara l-mewt tal-persuna li l-attur jallega li riedet l-att simulat.*

*Biex ikun hemm simulazzjoni jrid ikun hemm ix-xjenza tal-partijiet kollha li jridu joħolqu l-att simulat. Jekk dana l-kunsens ma jkunx hemm, l-att ma jkunx impunjabili fil-konfront ta' min ma jkunx ta dak il-kunsens; u mhux biżżejjed li xi waħda mill-partijiet kellha l-intenzjoni, mhux espressa u esternata lill-parti l-oħra, li*

*tagħmel att simulat; kif anqas hu bizżejjed li l-volontà tas-simulant tkun diskordanti mad-dikjarazzjonijiet li hu jagħmel fl-att.*

Il-Qorti. — Rat is-sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju 1948, fejn jinstabu mniżżlin tant it-talba kemm ukoll l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kollha, barra minn Tessie Briffa li baqgħet kontumaċi, u li minnha jidher li ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tant bijennali kemm kwinkennali, mogħtija mill-konvenuti, għar-raġunijiet hemm imsemmija, peress li l-azzjoni ta' simulazzjoni hija preskrivibili fi żmien tletin sena; u dana bl-ispejjeż kontra l-konvenuti Spiteri Debono;

*Omissis;*

Illi, qabel xejn, hu xieraq li jiġu premessi x'uħud mill-prinċipji li jirregolaw dina l-materja tas-simulazzjoni;

Hu ormaj magħruf li s-simulazzjoni hija forma ta' frodi (Kollez. XXXII—II—392); u peress li ma tingħatax ġuridikament preżunzjoni ta' frodi, kwalunkwe kuntratt jew ftehim għandu favur tiegħu l-preżunzjoni tas-sinċerità u tar-realtà. Għalhekk min irid iwaqqa' din il-preżunzjoni jistħoqqlu jġib il-prova konkludenti u perswasiva tas-simulazzjoni minnu allegata. Dina l-prova tista' ssir bi kwalunkwe mod permess mil-liġi, anki permezz ta' xhieda; iżda dan il-prinċipju jiġi applikat b'rigur akbar meta jiġi impunjat att publiku, minħabba l-akbar fidi li tirriponi fih il-liġi. Għalhekk id-deduzzjonijiet kontra dak l-att għandhom ikunu speċifiċi u ċirkostanzjati, u l-preżunzjonijiet gravi, preċiżi u konkludenti (Kollez. XXVII—II—551. U skond Altogradi (ċitat minn Giorgi — Obbligazioni, Vol. IV, § 161, nota 2 in calce), "ad probandam simulationem contra instrumentum publicum requiruntur probationes luce meridiana clariores et testes omni exceptione majores". Fuq kollox, imbagħad, għandha tirriżulta b'mod inekwivokabili l-"causa simulandi", b'mod li, jekk il-prova ma tirnexxix, l-impunjazzjoni taqa' (Kollez. XXIV—II—295);

Illi, premessi dawna l-konsiderazzjonijiet u direttivi, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk l-attur ġiebx provi suffiċjenti biex juri li l-att taċ-ċessjoni fuq imsemmi sar fittizjament u mingħajr intenzjoni da parti tiegħu li jċedi lill-konvenuti proprio et nomine l-kwota lilu kompetenti mill-wirt tal-ġenituri tie-

għu;

Illi dawn' il-provi huma tant diretti kemm indiretti: diretti, konsistenti fix-xhieda li ta l-istess attur, tant f'dina l-kawża kemm fil-kawża l-oħra fuq riferita, il-lum rimessa "sine die"; u indiretti, derivanti ċjoè minn ċirkustanzi li, skond l-attur, juru li dik iċ-ċessjoni kienet simulata;

Illi, kwantu għax-xhieda ta l-attur, dina, skond il-ġurisprudenza, għandha fiha nnifisha tiġi meħuda bl-akbar kawtela u ċirkospezzjoni, għaliex il-kawża saret wara l-mewt ta' Giovanni Emmanuele Spiteri Debono, hu l-attur, li kien hu li ried iċ-ċessjoni fittizja, kif jippretendi l-istess attur, u għalhekk ix-xhieda ta' l-attur ma tistax tiġi kontrollata kif imiss (v. App. Civ. 20. 11. 1922, in re "Bacchiani vs. Sammut", u 26. 1. 1914, in re "Abela vs. Abela Borg", u P.A. 11 ta' Jannar 1922, in re "Cheteuti utrinque". Jekk imbagħad wieħed jeżamina x-xhieda ta' l-attur fil-kontenut tagħha, isib li ma tistax tiġi aċċettata minħabba l-inverosimiljanza li fiha. Difatti hu jippretendi..................;

Illi, fuq kollox, l-attur ma jaqbelx miegħu nnifsu rigward il-"causa simulandi". Fil-kawża l-oħra l-attur xehed li ċ-ċessjoni kienet ġiet proposta minn ħuh Emmanuele...........;

Illi indizju ieħor, skond l-attur, hu l-fatt..............;

*Omissis;*

Illi bil-provi miġjuba l-attur, fil-fehma tal-Qorti, ma rnexxielux jistabbilixxi b'mod ċar, ċertu persważiv, illi ċ-ċessjoni minnu magħmula kienet simulata. Kwantu, imbagħad, għall-konvenuti Tessie armla Briffa u Camilla mart il-Farmaċista Arcangelo Agius, għandu jingħad illi l-pretiża simulazzjoni ma kienetx teżisti. L-istess attur xehed li "il-kuntratt għamiltu fittizjament relativament għal ħija biss" (fol. 24); u qabel kien xehed li "ma kienx jaqbilli ngħid lil ħuti l-bniet, Camilla Agius u Tessie Briffa, li dan il-kuntratt in kwistjoni huwa fittizju, għaliex kieku għidtilhom, ma kienux jiffirmaw il-kuntratt" (fol. 24). Issa, biex ikun hemm simulazzjoni, hija meħtieġa x-xjenza tal-partijiet kollha li jridu joħolqu l-att simulat; jekk dana l-kunsens ma jkunx hemm, l-att ma jkunx impunjabbli fil-konfront ta' min ma jkunx ta dak il-kunsens. Il-bona fede tagħhom hija protetta mil-liġi, u l-

kuntratt għalihom ikun validu. Mhux biżżejjed li xi parti jkollha l-intenzjoni, mhix espressa u esternata lill-parti l-oħra, li tagħmel att simulat. Mhux biżżejjed li l-volontà tas-simulant tkun diskordanti mad-dikjarazzjoni li hu jagħmel fl-att. Hemm bżonn, kif igħid Butera, li jiġu salvagwardati "la sicurezza e la stabilità delle contrattazioni e la protezione di chi ha seguito la fede e la lealtà dell'altro contraente .............. Conseguentemente ogni qualvolta il disaccordo è imputabile a colpa del dichiarante, mentre l'altra parte era ignara o aveva ragione di credere vera la *manifestazione* di volontà, il negozio sarà valido. Se il negozio fosse annullato, la parte danneggiata avrebbe diritto ad indennizzo; ma non può la legge, per la sua stessa serietà e per l'economia dei giudizi, autorizzare l'esercizio di una azione diretta a produrre un danno, che poi per altra via obbliga a riparare.............. Per altro, è regola di equità e di savia politica che si eviti a tempo il danno riparabile, secondo il fr. 3 Cod. in quib. caus. II, 41:— "Melius etenim est intacta eorum jura servare, quam post causam vulneratam remedium quaerere" (Simulazione nei Negozi Giuridici, pag. 18);

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi d-domanda ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

---